**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 - IT-TLIETA 9 TA' FRAR 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm tliet persuni preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Fuq proposta tal-Kunsillier Brincat kien hemm qbil li l-aħħar sentenza minn para. 5.9 tinqata' u minflok tidħol sentenza ġdida '*Kien hemm qbil li titpoġġa quddiem il-bord tal-ilmenti'.*

1.2. Il-Kunsillier Bonello ippropona emenda għal para. 5.6. biex qabel il-kliem '*kien hemm qbil..*' jiddaħħalu l-kliem '*fuq proposta tal-Kunsillier Bonello'* filwaqt li fl-aħħar tal-istess sentenza tiżdied il-kelma '*Immedjatament.*' Wara diskussjoni l-Kunsillier Bonello rtira din il-proposta.

1.3. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet jekk kinitx saret il-laqgha tal-ilmenti u ġiet infurmata li din kienet inżammet is-Sibt ta' qabel filwaqt li kopja tad-deċiżjonijiet kienet ġiet mgħoddija lil kull Kunsillier.

1.4. Il-Kunsillier Brincat staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar punt 7.1 fir-rigward tal-mozzjoni għal CCTV fi Triq il-Brażil. Is-SE informa li s'issa ma kienx hemm. Sadanittant il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li ma kinitx għadha ġabet il-kwotazzjoni iżda kienet se tipprova tgħaddiha lis-SE aktar tard matul il-ġimgħa.

1.5. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Bonello dwar l-offerti għas-servizz tal-fotografija u l-kostruzzjoni tal-websajt, is-SE informa li ma kienx għadu ħa l-azzjoni skont id-deċiżjoni tal-Kunsill fl-aħħar laqgħa.

1.6. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Muscat Fenech Adami dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar it-tpoġġija ta' *speed camera* fi Triq il-Kosta, il-Viċi Sindku informa li kien għadu qed jistenna li ssir laqgħa mal-ADT.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Is-SE informa li hu u s-Sindku kellhom laqgħa mal-Periti tal-Kunsill (kienu preżenti l-Periti Joseph Cassar, Ellul, Micallef u Poulton) dwar numru ta' proġgetti li kienu diġà tkellmu dwarhom aktar qabel. Huwa informa li deher li din il-laqgħa ħalliet il-frott għaliex sadanittant kien ingħata xi pjanti (kopja diġà ġiet mgħoddija lill-Kunsilliera) li kienu jinkludu l-proġett ta' pjazza f'San Pawl tat-Tarġa. Huwa informa li kemm-il darba jiġu approvati mill-Kunsill, huwa kien se jesplora l-possibbiltajiet li japplika għall-fondi mill-Ewropa skont skemi differenti li jinħarġu regolarment.

2.2. Is-Sindku, l-Kunsillier Bonello u s-SE kienu attendew għal laqgħa ma' rappreżentant mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali dwar l-attività tal-melħ fejn dawn kienu infurmaw li għal din is-sena diġà kellhom tliet attivitajiet kommessi u għaldaqstant ma tantx urew entużjażmu għal attività oħra u fil-fatt kienu ssuġġerew li l-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-iskemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fuq is-suġġeriment tal-Kunsillier Bonello kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkunsidra japplika għall-fondi biex din l-attività tiġi organizzata matul is-sena ta' wara. Hawnhekk il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni li ssir meta ssir l-attività huwa importanti ħafna li min jieħu ħsieb jorganizzaha kellu jassigura li jkun kommess li jiddedika ħafna ħin personali għaliha.

2.3. Is-SE informa li matul dik il-ġimgħa l-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet biex jinżammu attivitajiet fit-*Trade Fair grounds*, waħda minnhom mill-*Island Car Club* (ICC), li ġiet rifjutatha wara l-parir tal-avukat u oħra għal kunċert bħala *tribute* għal Cliff Richard fejn ġiet rifjutatha wkoll wara parir mill-avukat. Huwa informa li fl-ewwel każ l-ICC kienu appellaw l-oġġezzjoni tal-Kunsill iżda dawn ġew infurmati li l-Kunsill ma kienx beħsiebu jibdel id-deċiżjoni tiegħu għalkemm kien lest jikkunsidra li l-attività tinżamm f'parti oħra tal-lokalità tagħna. Min-naħa l-oħra iżda jidher li dawn kienu sabu lok alternattiv f'lokalità oħra. Fir-rigward tal-kunċert, li kien se jinżamm ġewwa, informa li għalkemm m'hemmx għalfejn tal-permess tal-Kunsill, xorta waħda kien qed joġġezzjona. Intbagħtet ukoll kopja ta' din l-ittra lill-pulizija. Il-Kunsill qabel.

2.4. Il-Kunsillier Miceli infurmat li, skont informazzjoni li kellha, l-*careers convention* mhux se ssir fin-Naxxar kif kien maħsub li jsir qabel.

2.5. Il-Kunsillier Sammut informa li fuq il-*Business Weekly* ta' dik il-ġimgħa kien hemm avviż li se jsiru xi attivitajiet fit-*trade fair grounds*. Is-SE informa li kemm-il darba ssir applikazzjoni għand il-pulizija, dawn kienu fl-obbligu li jikkonsultaw mal-Kunsill u għaldaqstant il-probabbiltà li tinżamm attività mingħajr ma l-Kunsill ikun jaf kienet kważi nulla.

2.6. Is-SE informa li kellu laqgħa ma' rappreżentant mill-ADT dwar l-għargħar fejn il-Gvern kien qed jipproponi li jiġu kostruwiti mini kbar taħt l-art (minn taħt ir-rawndebawt ta' ħdejn ix-*showroom* ta' *Kinds* għal Ta' Xbiex). Huwa kien informa li l-fondi ewropej ma kienux ikopru fondi għar-rikostruzzjoni tat-triq iżda biss interventi fil-wiċċ tat-triq fejn se jintmiss. Is-SE fakkar li l-Kunsill minn dejjem kien jitlob li kemm-il darba jsir dan il-proġett, għandu jiġi kkunsidrat li jsir xi tip ta' *gutter* li jitla' 'l fuq fi Vjal il-Labour u preferibbilment jagħqad ma' Triq l-Imdina. Is-SE wera xi dokumentazzjoni li ħallielu dan ir-rappreżentant għall-konsultazzjoni tal-Kunsill

filwaqt li stieden lill-membri kollha biex jekk ikunu jridu jistgħu jiġu u jarawhom fid-dettall.

2.7. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li terġa' tibda l-arranġament biex il-Kunsill jerġa' jtella' grupp għal Reggio. Hija qalet li matul il-ġimgħa ta' qabel kien hemm il-Viċi Sindku ta' Reggio ġewwa Malta u li kien wera interess li jerġa' jittella' grupp Naxxari fil-lokalità tagħhom. Instabu żewġ dati f'Mejju (nhar it-28) u f'Ġunju (nhar l-4) sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni magħhom.

2.8. Is-Sindku qalet li kien sar avviż fuq il-fuljett tal-Kunsill dwar għalliema rtirati li kienu lesti jagħtu lezzjonijiet privati b'mod volontarju. Hija infurmat li kienet tkellmet ma' xi għalliema li kienu lesti li jagħmlu dan imma li kienet għadha qed tistenna risposta mingħandhom. Il-Kunsill qabel.

2.9. Is-Sindku infurmat li kellha l-ħsieb li, minħabba li issa s-sala tal-Kunsill ġiet okkupata kważi l-ħin kollu mill-anzjani minħabba ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u li issa kien stabbilixxa ruħu sewwa, hija kienet qed taħseb biex tara jekk jirnexxilhiex issib lok alternattiv sabiex is-sala tkun tista' terġa' tibda tintuża kif kienet oriġinarjament. Hija infurmat li qabel xejn kienet se tieħu ħsieb tivverifika jekk tistax tagħmel dan mal-Ministeru kkonċernat. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li matul ix-xhur tas-sajf hija jkollha ħafna spazju fl-Iskola tagħha kemm-il darba l-kunsill ikollu bżonn ta' xi lok fejn jorganizza xi attivitajiet bħal *talks*, eċċ.

2.10. Is-SE informa li kienet intbagħatet oġġezzjoni lill-MEPA dwar l-applikazzjoni li ddaħħlet il-MEPA sabiex jiġi kostruwit *supermarket* fil-barriera tas-Sgħajtar.

2.11. Il-Kunsillier Sammut informa li kienet saret laqgħa ma' membri tal-KMS fir-rigward tal-fondi għall-programmi sportivi għas-sena 2010 fejn dawn talbu lill-Kunsill biex jirranġa l-programm li kien ħejja u li għaldaqstant kien jenħtieġ li l-programm jibda mix-xahar id-dieħel. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda jirriklama l-attivitajiet sportivi sabiex nassiguraw li jkollna konkorrenza. Fost oħrajn, kienu se jinżammu sessjonijiet ta' *aerobics* u għawm għall-kbar, sessjonijiet ta' *girls on the move* għat-tfajliet adoloxxenti u sessjonijet oħra mmirati għal tfal tal-Primarja.

2.12. Is-SE informa li, peress li l-Kunsill ma kienx qed jaqbel li l-attività *L-Istorja Tmexxi s-Sengħa* tkun organizzata f'Settembru kienet saret talba lid-Dipartiment għall-bidla fid-data u filfatt kienet ingħatat konċessjoni biex din l-attività tinżamm nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju. Is-Sindku qalet li kienet qed tipproponi li s-Sibt 19 ta' Ġunju tinżamm il-ħuġġieġa u l-Ħadd 20 ta' Ġunju ssir l-attività nnifisha fejn il-Kunsill kellu jipprova jassigura li jħeġġeġ biżżejjed nies bi snajja differenti biex jipparteċipaw. Kien hemm qbil li din l-attività għandha ssir kemm jista' jkun lejn iċ-ċentru tar-raħal sabiex nassiguraw li jkun hemm attendenza tajba. Is-Sindku infurmat li għal din l-attività l-Kunsill kien irnexxielu jġib €5000 bħala għajnuna taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali. Is-Sindku infurmat li kienet se tipprova tirranġa biex l-attività tkun tista' tinżamm fil-ġnien ta' Palazzo Parisio.

2.13. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li jsir *post-mortem* tal-attività tar-Raħal tal-Milied u li jiġi speċifikat sotto kumitat għall-attività li ġejja. Is-Sindku, il-Kunsillier Sammut, Bonello, Muscat Fenech Adami u Galea bl-assistenza tas-SE kienu se jkunu lkoll fuq is-sotto kumitat. Is-SE talab biex, qabel ma jidħol f'ħafna impenji il-Kunsill għandu jiżgura li għandu r-riżorsi disponibbli, kemm finanzjarji u b'mod partikulari umani. Għalhekk għandu jkun hemm impenn akbar minn kulħadd għaliex fl-aħħar attività tal-Milied spiċċaw membri tal-istaff flimkien miegħu u l-familja kollha tiegħu jagħmlu xogħol li mhux tagħhom. Fil-każ tiegħu lanqas xi

forma ta' remunerazzjoni ma kellu minkejja s-siegħat twal ħafna ta' xogħol. Għalhekk huwa appella biex il-Kunsill jiffoka fuq il-prijoritajiet.

### 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Ġiet preżentata l-lista ta' pagamenti kif ukoll tad-dħul li kien hemm f'Jannar 10, kopja tagħha mehmuża f'appendiċi A. Din kienet approvata.

3.2. Is-SE ippreżenta rendikont tal-flus li daħlu u ħarġu fir-rigward tal-attività tar-Raħal fil-Milied kif ukoll in kwantu tat-tiżjin tad-dwal tal-Milied. Din hija annessa f'B.

3.3. ***Performance Bonus* għall-impjegati:** Fuq rakkommandazzjoni tas-SE kien hemm qbil li l-impjegati kollha għandhom jieħdu l-massimu tal-persentaġġ tal-paga annwali jiġieri 6% għall-impjegati klerikali. Il-Kunsill qabel ukoll li jagħti l-massimu tal-*performance bonus*, ċoè 10%, lis-SE.

3.4. Il-Kunsillier Galea semma' li kellu suġġeriment mingħand persuna sabiex tagħti lezzjonijiet ta' tpinġija fuq il-bajd (*egg-painting*). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 4. LISTA TA' PRIJORITAJIET TA' KISI MILL-ĠDID TA' TOROQ

4.1. Is-SE għadda kopja tal-lista skont il-prijoritajiet li ħejja hu għad-deċiżjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jimxi skont il-prijoritajiet imsemmija fuq din il-lista bl-eċċezzjoni ta' dawk indikati *major patching* li l-Kunsill jista' jiddeċiedi qabel. Il-Kunsill kien konxju wkoll mill-fatt li din tista' tinbidel skont kif jiżviluppaw iċ-ċirkostanzi (kopja mehmuża f'Ċ).

### 5. RAPPORT FINANZJARJU GĦAD-DISA' XHUR APRIL – DIĊEMBRU 2009

5.1. Is-SE informa li kien għadu qiegħed jistenna lill-accountant jiffinalizza r-rapporti finanzjarji.

### 6. MIL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

6.1. Is-SE kien għadda kopja tar-rapport dwar il-laqgħa tal-lokalità lil kull Kunsillier.

6.2. Fid-dawl ta' dan ir-rapport u l-ilmenti u s-suġġerimenti li għaddew, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sur Roger Baldacchino u s-Sur Joseph Grech fir-rigward tal-problema tal-isplużjonijiet fil-barrieri.

6.3. Fir-rigward tas-suġġeriment biex isiru tabelli minħabba t-tniġġiż, il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru minħabba li mhux kwalifikat biex jiddetermina meta u kemm hemm tniġġiż fl-arja. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li ghandhom isiru aktar sinjali matul l-attivitajiet biex persuna ma toqghodx iddur fil-vojt.

6.4. Fir-rigward ta' punt 22 fir-rigward tat-talba għal *residents parking scheme*, il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jagħmel imqar numru żgħir ta' parkeġġi bħala prova iżda l-Kunsill ma qabilx minħabba li din il-miżura toħloq effett mewġa u għaldaqstant il-probabbiltà kienet li l-problema kienet se tikber aktar milli tiċkien.

6.5. Kien hemm qbil li m'hemm xejn x'jista' jagħmel il-Kunsill fir-rigward ta' punt 23.

6.6. Fir-rigward tat-talba għal bozza msemmija f'punt 30 is-SE informa li dan ir-resident ma riedx li l-bozza titwaħħal mar-residenza tiegħu skont kif titlob il-*policy* tal-Kunsill. Għaldaqstant it-talba tiegħu mhux se tiġi milqugħa.

6.7. Fir-rigward ta' punt 32 is-SE informa li l-Kunsill ma kellux kontroll fuq is-sitwazzjoni ta' Triq Wied Anġlu minħabba li dik il-parti tat-triq kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-ADT.

## 7. APPLIKAZZJONIJIET MILL-FONDI TAL-UE

7.1. Is-SE informa li fi żmien qasir kien se tiftaħ applikazzjoni għall-fondi mill-Ewropa (ERDF) fejn setgħu japplikaw għalihom il-Kunsilli Lokali biss. Dawn jirrigwardaw xogħol biex jogħla l-valur turistiku fil-lokalitajiet permezz ta' titjib tal-pjazez. Is-SE informa wkoll li waqt laqgħa organizzata għall-Kunsilli kollha minn MEUSAC fil-Kunsill Lokali Naxxar, saret enfasi li l-proġetti ma jistgħux ikunu biss għal tisbiħ iżda kienu inkoraġġiti jieħdu miżuri ta' kuraġġ kif inaqqsu t-traffiku li m'għandux għalfejn jgħaddi biex jattiraw aktar nies biex jitgawda l-prodott lokali. Żoni pedonali kienu inkoraġġiti ħafna.

7.2. Hawnhekk is-SE esebixxa pjanta ta' pjazza li kienet qed tiġi proposta għal San Pawl tat-Tarġa eżattament quddiem is-Santwarju tal-Ħniena Divina. Huwa spjega li għalkemm bħalissa l-ġnien huwa maqsum min-nofs bi triq, skont il-pjanijiet tal-MEPA jindika li dan il-ġnien huwa pjanat li jingħaqad. Għaldaqstant bi ftit modifiki ġiet pjanata pjazza, b'parkeġġ għal madwar 100 vettura taħtha, li tista' 'l quddiem tintuża għal kunċerti u attivitajiet soċjali u kulturali li jorganizza l-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-kunċett ta' dan il-proġett u għaldaqstant sar qbil li ssir applikazzjoni b'din il-Pjazza.

7.3. Is-SE issuġġerxxa wkoll li l-Kunsill kellu l-opportunità li japplika għal aktar fondi mill-UE sabiex parti mill-pjazza tar-raħal tingħalaq għat-traffiku kollu u ssir esklussivament żona pedonali. Proġett simili, minbarra li jaqbel eżatta mas-suġġerimenti li ngħataw saħansitra mill-Onor. De Marco waqt il-laqgħa li kellu mal-Kunsilli, kien jaqbel ukoll mal-istudju li wettqu l-istudenti tal-arkitettura fejn issuġġerew numru ta' miżuri li jista' jieħu l-Kunsill biex il-lokalità Naxxarija ma tibqax tintuża bħala kuritur għall-Mosta u San Ġwann. Huwa qal li fil-preżent il-Knisja Parrokkjali qed tintuża bħala rawndebawt u għaldaqstant dan il-proġett jista' wkoll iservi bħala deterrent f'dan ir-rigward. Huwa qal ukoll li proġett simili, għalkemm inizjalment jista' jaqla' xi kummenti negattivi, għandu jgħin biex il-Kunsill ikompli fuq il-pjanijiet tiegħu li jsebbaħ aktar toroq fil-qalba tar-raħal u jagħmilhom ukoll bħala żoni pedonali.

7.4. Is-SE ħejja rapport dwar dan u li fih ukoll semma' numru ta' postijiet f'Malta li diġà wettqu proġetti simili u li għaldaqstant illum l-aċċess huwa jew projbit jew ristrett għall-aħħar. Huwa semma li fil-każ tal-pjazza tan-Naxxar m'hemm l-ebda mod kif, b'mod speċjali b'siġġu tar-roti, persuna b'diżabbilità tista' tgħaddi minn quddiem il-ħwienet ta' Vjal il-Labour u tidħol fil-Knisja Parrokkjali mingħajr ma jkollha ssuq bis-siġġu tar-roti fit-triq. Dan għaliex il-bankina u z-zuntier tal-Pjazza f'partijiet minnhom huma dojoq wisq.

7.5. Il-Kunsill qabel mal-kunċett tal-pjanta li wera s-SE kif ukoll mal-pjan li bil-mod il-mod il-Kunsill għandu jibda jevalwa l-possibbiltà li t-traffiku jitnaqqas minn din il-lokalità b'mod speċjali billi joħloq żoni pedonali bħalma huma proposti għall-pjazza u Triq il-Kbira.

7.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għal dan il-proġett għandu japplika wkoll.

## 8. LISTA TA' ILMENTI

8.1. Il-Kunsill approva r-rapport tal-ilmenti u d-deċiżjonijiet li ttieħdu min-naħa tal-bord.

8.2. Il-lista hija annessa f'D.

## 9. ATTIVITAJIET

9.1. Is-Sindku fakkret lli l-Ħadd li ġej kienet se tinżamm l-attività tal-Karnival fejn kien hemm il-ħsieb li jinġabu żewġ kumpaniji jiżfnu anke fit-triq biex jallegraw lir-residenti. Kull tifel u tifla li jattendu kienu se jingħataw ukoll rigal ġentilment offrut minn Tip Top.

## 10. APPLIKAZZJONI GĦAL ĠEMELLAĠĠ MA' MORNAGO

10.1. Is-SE irrefera għall-kommunikazzjoni li kien bgħat lill-Kunsilliera fir-rigward. Huwa qal li kien se jieħu ħsieb jinnota xi punti li għaddietlu l-Kunsilliera Miceli u mbagħad jissottometti l-applikazzjoni għal ġemellaġġ ma' Mornago fl-Italja. Huwa qal li kemm-il darba din l-applikazzjoni tiġi aċċettata, delegazzjoni ta' madwar 50 persuna minn Mornago se żżur in-Naxxar f'Awwissu.

## 11. PROPOSTA GĦAL ATTIVITÀ TAT-TBERIK TAL-ANNIMALI

11.1. Il-Kunsillier Sammut ressaq mozzjoni sabiex jorganizza attività tat-tberik tal-annimali. Il-Kunsill laqa' din il-mozzjoni immedjatament.

11.2. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li l-Kunsill jorganizza xi kant jew attivitajiet żgħar oħra simili fil-ġonna li hawn madwar il-lokalità b'mod regolari biex jippromwovi l-ġonna. Hija xtaqet ukoll li jsir tisbieħ permezz ta' fjuri u arbuxxelli. Il-Kunsill qabel.

## 12. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

12.1. Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm.

12.2. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2010 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## Lista ta' pagamenti - laqgħa numru 11

| Supplier | Description | Invoice No | Ammount |
|---|---|---|---|
| ADI Associates | Review of Planning Applications - April 09 | 554 | € 71.76 |
| ADI Associates | Review of Palnning Applications - Sept 09 | 610 | € 95.67 |
| ADI Associates | Review of Palnning Applications - Dec 09 | 665 | € 71.76 |
| Aldo Azzopardi | Cleaning of Inpection chamebr & Galleys in Football Ground | n/a | € 360.00 |
| Anthony Chircop | Accounting Services April-June 09 | 3/09 | € 600.00 |
| Archway Ironmongery | Items Purchase Dec 09 | 30303 | € 213.83 |
| Archway Ironmongery | Items Purchase Dec 09 | 30309 | € 285.52 |
| Archway Ironmongery | Items Purchase Dec 09 | 30313 | € 282.13 |
| A-Sound | Sound Services for Xmas Village | 2062 | € 1,375.00 |
| Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Assikurazzjoni tal-Flus 2010 | n/a | € 63.00 |
| Bad Boy Cleaning Services | Extra Work - Dec 09 | 46196 | € 44.84 |
| Bitmac Ltd | Cutting of Core Cuts & Testing of Same Material | 11709 | € 601.84 |
| C.S.D Office Trade | Stationary Products | 29142 | € 34.14 |
| Calypso Media Communications Ltd | Advert for ir-Rahal fil-Milied | 5146 | € 328.71 |
| CDA Ink & Toner | Toner Cartridges | 1097 | € 142.11 |
| Charles Sant | Skip Service Nov 09 | n/a | € 50.00 |
| Charlie Mifsud | Weed Cutting Non Urban Roads - Jan 2010 | 787 | € 1,603.63 |
| Charlie Mifsud | Road Cleaning Zone E - Jan 2010 | 788 | € 390.30 |
| Charlie Mifsud | Road Cleaning Zone A - Jan 2010 | 789 | € 1,235.54 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Jan 2010 | 790 | € 1,904.83 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Extra Work - Jan 2010 | 791 | € 865.84 |

A

| | | | |
|---|---|---|---|
| Cleansing Services Dept. | Cleaning & Attendance of Public Convenience - Dec 09 | MLC/09/120613 | € 889.34 |
| Cliche' Media Ent. Co. Ltd. | Services Rendered by Claudette Pace | CME/1010/2009 | € 88.50 |
| DOI | Avviz fuq il-Gazzetta tal-Gvern - 29-01-10 | n/a | € 9.32 |
| ELC | Works Carried Out - Dec 09 | 5810 | € 3,365.46 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - April 09 | NXR021 | € 764.65 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - May 09 | NXR022 | € 943.69 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - June 09 | NXR023 | € 951.15 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - July 09 | NXR024 | € 1,081.70 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - August 09 | NXR025 | € 1,036.94 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - September 09 | NXR026 | € 1,081.70 |
| Euro Clean | Bulk Refuse Collection - October 09 | NXR027 | € 701.24 |
| Fridericus Rex Malta Falconers | Birds of Prey Display - Xmas Village | n/a | € 200.00 |
| G4S Security Services | CIT Services Dec 09 | 33365 | € 159.83 |
| Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager Fee - Dec 09 | 2278 | € 272.54 |
| Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager Fee Jan 2010 | 2289 | € 272.54 |
| GO plc | Telephony Services | 23071299 | € 23.96 |
| GO plc | Telephony Services | 23071305 | € 413.10 |
| GO plc | Telephony Services | 23071298 | € 225.83 |
| Green Supplier Ltd | Trees & Plants for Xmas | 11807 | € 875.00 |
| Green Supplier Ltd | Arrangement with Xmas Flowers | 11809 | € 54.28 |
| Guard & Warden Service House | Traffic Management Dec 09 - Rahal fil-Milied | SS4234 | € 1,013.76 |
| Holy Family Home for the Elderly | Donation for Activity for the Elderly - June 09 | n/a | € 357.00 |
| Impressions Ltd | Xmas Large Format Poster | 25340 | € 159.30 |
| Impressions Ltd | Certificates | 25206 | € 33.05 |
| Impressions Ltd | Xmas Sticker | 25223 | € 81.42 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jackson's Pipe Band | Musical Services during Xmas Village | n/a | € 155.00 |
| Joanne Dimech | Performance by Wild Strength Dancers Street Parade - Xmas Village | 12 | € 270.00 |
| Jubilate Deo Choir | Rahal fil-Milied Concert | n/a | € 250.00 |
| Jurgen Attard | Gwardjan tal-Football Ground - Jan 2010 | 1156646 | € 423.15 |
| Klabb Kotba Maltin | Books for Library | n/a | € 315.85 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - May 09 | 21430 | € 135.00 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - May 09 | 21489 | € 184.53 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - June 09 | 21546 | € 74.53 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - June 09 | 21591 | € 93.17 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - July 09 | 21675 | € 93.19 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - Dec 09 | 22157 | € 110.87 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - Jan 2010 | 22192 | € 74.52 |
| Mario Mallia | Traffic Road Mirror 90cm | 760 | € 92.34 |
| Mario Mallia | Road Paint & Thinner | 759 | € 900.41 |
| Media Link Communications Co. Ltd | Advert on TV - Rahal fil-Milied | 42739 | € 483.80 |
| Media Link Communications Co. Ltd | Advert on Radio - Rahal fil-Milied | 42801 | € 245.44 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Statement of Defence RE: Gasan Mamo Ins. Ltd vs NLC | 014/10 | € 95.00 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer December 09 | 015/10 | € 109.98 |
| Mr. Jesmond Zammit | Taxi Services - Nov 09 | n/a | € 80.00 |
| Northern Cleaning Group Ltd | Refuse Collection - Dec 09 | NXR3/09 | € 6,786.33 |
| One Productions Ltd | Advert for ir-Rahal fil-Milied | SIN028356 | € 167.18 |
| One Productions Ltd | Advert for ir-Rahal fil-Milied | SIN028470 | € 660.80 |
| Pauline Agius | Clerical Services | n/a | € 88.15 |
| PBS Ltd | Advert for Xmas Village | 2010000804 | € 1,328.39 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| PVP Water Supply | Water Transport - 1 Trip near Church SPTT | 177562 | € 29.00 |
| Reuben Seychel | Photography Services A,H & C Exhibition 09 | NLC/045 | € 108.56 |
| Reuben Seychel | Photography Services Inauguration of Via Sagra | NLC/046 | € 70.00 |
| Reuben Seychel | Photography Services Xmas Lunch @ Naxxar Oratory | NLC/047 | € 70.00 |
| Reuben Seychel | Photography Services Ir-Rahal fil-Milied | NLC/048 | € 150.00 |
| Saviour Mifsud | Street Sweeping - Zone B & F - Dec 09 | 121 | € 2,725.58 |
| Saviour Mifsud | Street Sweeping - Zone A2 & C - Dec 09 | 122 | € 3,245.83 |
| Saviour Mifsud | Street Sweeping - Zone B & F - Jan 2010 | 123 | € 2,725.58 |
| Saviour Mifsud | Street Sweeping - Zone A2 & C - Jan 2010 | 124 | € 3,245.83 |
| Silvano Azzopardi | Handyman Services for Xmas Village - Nov 09 | 26 | € 140.00 |
| Silvano Azzopardi | Handyman Services for Xmas Village - Dec 09 | 27 | € 276.00 |
| Smart Supermarket | Items for Conference Room | 240324333 | € 141.99 |
| Spiral Design | Editing of Locality Meeting Banner | 1927 | € 34.22 |
| Victoria Band Club | Kera ta' Palk u Siggijiet - Rahal fil-Milied | n/a | € 150.00 |
| Vodafone Malta Ltd | Telephony Services - Dec 09 | 1803960012010 | € 252.69 |
| WasteServ | Hire of Bins - Dec 09 | 54597 | € 296.59 |
| Dr Maria F Deguara | Remuneration for January 10 | | €795.50 |
| Employees | Salaries for January 10 | | €7,912.60 |
| Jurgen Attard | Hanyman service for December 09 | | €1,669.65 |
| Victor Mula | Hanyman service for December 09 (including extra hours etc) | | €2,430.64 |

| **Income generated during January 2010** | |
|---|---|
| Crane Permits | €431.06 |
| Skip Permits | €391.68 |
| Scaffolding Permits | €174.75 |
| Hire of Hall | €23.30 |
| Tender Documents | €150.00 |
| Trenching Permits | €16.31 |
| Contractor's Guarantees **(Refundable)** | **€1,281.41** |
| Kiosk Permit | €23.29 |
| Cultural Activities | €42.00 |
| Hire of Foorball Ground | €50.00 |
| Others (books, parking meters etc) | €908.66 |

B

**Expenses related to Ir-Rahal fil-Milied event**

| **Name** | **Amount Paid** | **Product Description** |
|---|---|---|
| Impressions Ltd. | € 164.85 | A6 Xmas Flyers Inv. 24870 |
| Albert McCarthy | € 141.60 | Services for ir-Rahal fil-Milied (Santa Klaws) |
| Anthony Galea | € 503.00 | Items for Rahal fil-Milied Inv. 163691 |
| Asound | € 1,375.00 | Sound Services During Xmas Village Inv. 2062 |
| C.V. Woodworks | € 174.00 | Stands Shelter for ir-Rahal fil-Milied Inv. 178 |
| Calypso Media Communications Ltd | € 328.71 | Xmas Village Advert Inv.5146 |
| Claudette Pace | € 88.50 | Services for ir-Rahal fil-Milied |
| Comissioner of Police | € 388.10 | 2PC & 1PS for ir-Rahal fil-Milied |
| Coronation Candles Ltd | € 79.24 | Candles for ir-Rahal fil-Milied Inv. 18366 |
| CSD Office Trade | €82.36 | Paper for invites for ir-Rahal fil-Milied |
| Edmond Jackson | € 155.00 | Musical Services during Xmas Village |
| Edward Cachia | € 105.00 | Services for ir-Rahal fil-Milied |
| Frederick Mallia | € 170.00 | Ghannejja during Xmas Village |
| Fridericus Rex Malta Falconers | € 200.00 | Birds of Prey Display - Xmas Village |
| George Vella | €35.00 | Tiben - Xmas Village |
| Guard & Warden Service House | € 1,013.76 | Traffic Management Dec 09 - Rahal fil-Milied |
| Impressions Ltd | € 159.30 | Xmas Large Format Poster Inv. 25340 |
| Impressions Ltd | € 81.42 | Xmas Sticker Inv. 25223 |
| Impressions Ltd. | € 149.11 | A3 Xmas Posters Inv. 24869 |
| Innovative Solutions | € 541.62 | Animation for ir-Rahal fil-Milied Inv. 209037 |
| Joanne Dimech | € 270.00 | Wild Strength Dancers Street Parade - Xmas Village |
| Jubilate Deo Choir | € 250.00 | Rahal fil-Milied Concert |
| Kazin Santa Liena | € 200.00 | Band Services by Dukes Festival Band |
| Lawrence Calleja | € 354.00 | Props for ir-Rahal fil-Milied |
| Logo Grafix | € 690.30 | Supply of digital printed sticker Xmas Village Inv. 16291 |
| Logo Grafix | € 395.30 | Supply of PVC Signs & Sticker with Father Xmas Inv. 16292 |
| Mailbox Services Ltd | € 1,093.86 | Animators for Xmas Village Inv. 821 |
| Media Link Communications Co. Ltd | € 188.80 | Advert on Website Inv. 42551 |
| Media Link Communications Co. Ltd | € 37.76 | Advert on Radio Inv. 42613 |
| Media Link Communications Co. Ltd | € 483.80 | Advert on TV - Rahal fil-Milied |
| Media Link Communications Co. Ltd | € 245.44 | Advert on Radio - Rahal fil-Milied |
| Naxxar Scouts Group | € 74.99 | Rawl Bolts for Xmas Village |
| Nexos Lighting Technology | € 2,804.74 | Rental of Lighting Equipment for ir-Rahal fil-Milied Inv. 7989 |
| Nicholas Baldacchino | € 525.00 | 300 fjakkola ghall-attivita' ir-Rahal fil-Milied |
| One Productions Ltd | € 167.18 | Advert for ir-Rahal fil-Milied |
| One Productions Ltd | € 660.80 | Advert for ir-Rahal fil-Milied |
| Opus 33 | € 52.64 | Paint for Xmas Village Decorations |
| Outlook Coop | € 295.00 | Design of Billboard / Press Card / Poster / etc Inv. 8684 |
| PBS Ltd | € 1,328.39 | Advert for Xmas Village |
| Print IT | € 897.75 | Xmas Village Flyers Inv. 4510 |
| Rennie Vella | € 75.00 | Services for ir-Rahal fil-Milied |
| Reuben Seychel | € 150.00 | Photography Services Ir-Rahal fil-Milied |
| Reuben Seychel | € 150.00 | Photography Services Ir-Rahal fil-Milied |
| Richies Ironmongery | € 66.00 | Items for Xmas Village Inv. 391AA |
| Richies Ironmongery | € 27.80 | Eyelets & Rings to use on Covers of Xmas Stalls |
| Spiral Design | € 165.20 | Signs for Xmas Village Inv. 1903 |
| Telecom Electronics | € 50.00 | Rental of Walkie Talkies for ir-Rahal fil-Milied |

| | | |
|---|---|---|
| Toyland | € 248.40 | Items for Xmas Village Inv. 3396 |
| UV Print Ltd. | € 351.64 | Printing of Xmas Village Sweatshirts Inv. 10068 |
| Vibe FM | € 619.50 | Adverts for Xmas Village Inv. 323 |
| Victoria Band Club | € 150.00 | Kera ta' Palk u Siggijiet - Rahal fil-Milied |
| William Vella | € 50.00 | Services for Xmas Village - Rental of Donkey |
| Wirtna Shops Ltd | € 223.91 | Mugs for Xmas Village Inv. 91213 |
| Wirtna Shops Ltd | € 65.14 | Mugs for Xmas Village Inv. 91207 |
| Victor Mula | € 1,350.00 | Extra hours (most of which related to street decorations) |
| Jurgen Attard | € 587.00 | Extra hours (most of which related to street decorations) |
| Staff | € 1,502.00 | Overtime |
| Pizza Planet | € 154.80 | Food/refreshments for staff and helpers |
| | | |
| **TOTAL:** | € 22,937.71 | |

**Income from the event Ir-Rahal fil-Milied**

| | | |
|---|---|---|
| Income from stalls | €2,090.00 | |
| Income from advertising | €2,250.00 | |
| Other sponsors/Income | €2,000.00 | BANIF Bank |
| | | |
| **TOTAL:** | € 6,340.00 | |

**Other expenses related to Christmas**

| | | |
|---|---|---|
| C.V Woodworks | € 341.06 | Provision of Marine Polywood for Xmas decoration Inv. 176 |
| E. Calleja & Sons Ltd. | €606.35 | Inv. No 3362 - Material For Xmas Lights |
| Enemalta | €650.00 | Xmas lighting |
| Green Supplier Ltd | € 875.00 | Trees & Plants for Xmas Inv. 11807 |
| Il-Qronfla | € 450.00 | Xmas Tree Inv.10008096 |
| Joseph F. Spiteri & Co. Ltd | € 269.65 | Kee Clamps for Base of Xmas Tree - Xmas Village Inv. 8513 |
| Mario Xuereb | € 151.41 | Electrical Works in connection with Xmas Decorations |
| Peace Band Club | € 33.00 | Decorations for ir-Rahal fil-Milied |
| Rondor Ironmongery | € 25.80 | Girlandi Inv. 1457 |
| Rondor Ironmongery | € 192.50 | Tinsils |
| SBL | € 111.02 | Xmas Decorations Inv. 3605 |
| SBL | € 29.99 | Xmas Decorations Inv. 3578 |
| Silvano Azzopardi | € 140.00 | Handyman Services for Xmas Village - Nov 09 |
| Silvano Azzopardi | € 276.00 | Handyman Services for Xmas Village - Dec 09 |
| Tal-Lira Ltd. | € 88.00 | Xmas Deorations Inv. 285 |
| Velton Trading | €392.00 | Bulbs for Xmas Lighting Inv.32 |
| Velton Trading | € 112.00 | Light Bulbs for Xmas Decorations Inv. 34 |
| Velton Trading | € 122.00 | 15W Light Bulbs Inv. 49 |
| Velton Trading | € 121.00 | Electrical Wires Inv. 42 |
| Vincent Mifsud Ltd. | € 1,262.00 | Electrical Equipment Inv. 131069 |
| Vincent Mifsud Ltd. | € 262.80 | Electrical Equipment Inv. 131070 |
| Chinalights | € 3,234.17 | LED lighting |
| **TOTAL:** | € 9,745.75 | |

**PRIJORITAJIET GĦAL XOGĦOL TA’ KISI MILL-ĠDID TAT-TOROQ**

| | ***Triq*** | |
|---|---|---|
| 1 | Birguma Road (parts Council, parts ADT) | |
| 2 | J. Howard | |
| 3 | J. Howard dawra | |
| 4 | Dun Nerik Cordina Perez | |
| 5 | Soghda | |
| 6 | Qoton (mid part) | |
| 7 | Il-Markiz Scicluna (upper part) | |
| 8 | Il-Markiz Scicluna (lower part - major patching) | |
| 9 | Santa Maria (V. Boron) from Country corner up to Mechanic | |
| 10 | Zonqor | |
| 11 | Xehda (upper part) | |
| 12 | Telekomunikazzjoni | |
| 13 | L-Irdum | |
| 14 | A. Freemantle | |
| 15 | Jervois (lower) | |
| 16 | Monsarrat | |
| 17 | L-Isbark tal-Francizi | |
| 18 | Il-Lampara (lower part) | |
| 19 | Milizja | |
| 20 | Seneskalk | |
| 21 | Ignazio Micallef | |
| 22 | Tuffieh (upper-part) | |
| 23 | Tuffieh (lower) | |
| 24 | Triq San Pawl | Major Patching |
| 25 | Spanja | |
| 26 | Mithna | |
| 27 | L-Ingilterra (upper) | |
| 28 | Libja | |
| 29 | L-Argentina | |
| 30 | Korfu | |
| 31 | Germanja | |
| 32 | Cipru | |
| 33 | Cili | |
| 34 | Triq Gibilta' | |
| 35 | Brazil | |
| 36 | Wied Anglu | |
| 37 | Triq it-Tunnara | |
| 38 | Torri tal-Ghallis | Maghtab |
| 39 | Habel Zwejra | Maghtab |
| 40 | L-Emigranti | Major Patching |
| 41 | Sejjiegh | Major Patching |
| 42 | Minfah | Major Patching |

D

| ***Ref No*** | ***O i/c*** | ***Case/Request details*** | ***Decision by Council*** |
|---|---|---|---|
| 44/0836/08 & DB by email | JAM | Qed jidhollu l-ilma fil-basement minhabba l-istat hazin tal-bankina | Irridu naraw l-istat kollu tal-bankina kollha fit-triq halli l-Kunsill ikun jaf ezatt x'tiswa. - Nibghatu lill-handymen jiehdu xi ritratti u jtuna rapport dwar x'hemm hazin (tulijiet ecc). |
| 903524111 MB | | Talba biex isir resurfacing ta' sqaq nru 2 fi Triq is-Salib. | Se ticcekkja s-Sindku f'liema stat hu. |
| DB by email. | | Il-Kunsillier David Bonello qed jitlob lill-Kunsill jikkunsidra li jzid il-filati mac-cint li jdawwar art mitluqa fi Triq l-Awstralja u li jidher li hija art tal-Gvern. Jekk isir dan titnaqqas id-dehra kerha propju fid-dahla tan-Naxxar filwaqt li jkun evitat li jintrema aktar skart. | Dak il-hin gie kkuntattjat il-Perit Poulton u informa li r-rata hija Lm30 kull qasba kwadra. Dak il-hin sar kalkolu li ammonta ghal Eur7000 - ninsistu mal-mepa biex jittella c-cint. Sadanittant aktar tard rega sar kalkolu izda rrizulta li qabel kien hemm xi zball ghaliex fil-verita l-ammont gie hafna anqas. |
| PS | JAM | Talba biex tinstab soluzzjoni fi Triq il-Gdida fi Triq San Pawl minhabba li hija dejqa u mhux facli tara min gej minn faccata. | Issir one way |
| 44/0088/08 & 44/0479/09 | JAM | Talba biex ikun hemm metru boghod minn kull naha tal-garaxx Nru 4 fi Triq in-Nissieg minhabba li qed ikun difficli biex johorgu mill-garaxx. | M'ghandniex nitilfu parking bay ohra anki ghalihom stess! |
| 2060903520987 | jam | Talba ghal single yellow line faccata tad-dar Narcisa, nru 4 fi Triq il-Hawh. | Issir prova fil-post |
| 2060900621210 | JAM | Talba biex Triq il-Grecja tigi one way min-naha ta' Villa Mdina ghax ma tkunx tista' tidhol minn Triq il-Qoton. | Mhux qed ikun mifhum il-gustifikazzjoni taghha! M'hemmx qbil. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| CS | JAM | Gnien il-Prinjol jigi strutturat b tali mod li dik l area ma tibqax biss uzata hazin mis sidien tal klieb imma tinghata ftit hajja. | Naraw li jkun imnaddaf u possibilment anki xi pots bil-fjuri imdahhlin fil-hamrija - m'ghandux isir gebel ecc. |
| 2060909024332 | JAM | Talba ghal twahhil ta' mera fi Triq il-Gharghur ghaliex ma jistghux jaraw il-vetturi huma u hergin minn faccata tal-mithna. | Approvata |
| PG | JAM | Wara li jsir it-tindif qed jigi propost li tigi rrangata parti minn Triq il-Gizwiti ghaliex qeghda mitluqa u taghti lok ghall-abbuzi. | Isir konkos jew tarmak - liema jkun l-irhas. |
| PG | JAM | Qed jigi propost li l-unloding bay tal-pjazza li qeghda quddiem Palazzo Parisio tersaq quddiem l-isqaq jew fl-ikbar bay li hemm qabel tidhol ghal Triq Santa Lucija. | Issir quddiem l-isqaq - sadanittant nitkellmu ma' ELC halli naraw x'qieghed isir mill-ilma u jekk dan jistax jintuza biex ikun iffrankati l-flus mill-kuntratt. |
| Colin Bonello: | PG | Talba biex titpogga crash barrier fil-kantuniera ta' Arnaldo Fabriani ma' Triq San Pawl. Ir-resident lest li jhallas hu. | Jipprovdi d-dettalji u jekk ma jithalliex spazju adekwat ghall-accessoibilita ma jithalliex jaghmilha. |